Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 22/16

**AVVIŻI**

**29 ta' Mejju 2016**

Illum l-aħħar Ħadd tax-xahar issir il-ġabra għall-bżonnijiet tal-parroċċa.

*Illum* il-Ħadd 29 ta' Mejju niċċelebraw il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù (Corpus). Filgħodu fil-quddiesa li sa ssir fl-10am issir l-Ewwel Tqarbina tat-tfal. Il-MUSEUM ikun miftuħ fit-8.15am u fid-9.30am jitlaq il-korteo lejn il-Knisja.
Filgħaxija fis-7.30pm, fi tmiem il-quddiesa, issir purċissjoni madwar it-toroq tal-parroċċa li fiha jieħdu sehem it-tfal li jkunu rċevew l-ewwel tqarbina.

It-Tnejn 30 ta' Mejju nfakkru l-Konsagrazzjoni tal-Knisja li hija festa importanti ħafna fil-ħajja tal-parroċċa. Fis-7pm ssir il-konċelebrazzjoni solenni tal-quddiesa li għaliha għandhom jieħdu sehem l-għaqdiet, kummissjonijiet u kumitati kollha tal-parroċċa.

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju ssir laqgħa għall-ġenituri u l-parrini ta' dawk li sa jirċievu s-sagrament tal-Griżma fis-7pm fiċ-Ċentru.